MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF PHILIP SCIBERRAS

Seduta tal-5 ta' Lulju, 2006

Appell Civili - Ghawdex Numru. 1/2005/1

**Paul Portelli**

**vs**

**Pawla Buttigieg, u b' digriet tas-26 ta' Jannar 2005 dan l-isem jigi mibdul ghal Peter Paul Buttigieg, bhala mandatarju ta' l-imsiefra Jacqueline Portelli, u b' digriet tat-13 ta' Gunju 2005 it-Tribunal ordna l-korrezzjoni fl-ismijiet tal-kawza fis-sens illi l-konvenut *nomine* qed jirrapprezanta lill-imsiefra Kathleen Portelli u mhux lil Jacqueline Portelli**

**Il-Qorti,**

Fl-14 ta' Gunju 2005, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar (Ghawdex) ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu, l-attur qieghed jitlob il-hlas is-somma ta' tlett mija u tnax-il lira Maltin u sittin centezmu (Lm312.60) rapprezentanti s-sehem tieghu mill-ispejjes tal-kawza "Joseph Portelli vs Paul Portelli et" Citazzjoni Numru 29/91 deciza fl-ewwel (1) ta' Dicembru 2000 u sussugwentament fl-appell fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Marzu 2004 u dana skond taxxi ufficjali rilaxxata mir-Registratur tal-Qorti, (Dok A u B) inkluz il-Vat, liema ammont gia' thallas mill-attur ghan-nom tal-konvenuta.

Il-konvenuta ghandha tigi ikkundannata thallas ukoll l-imghaxijiet fuq dan l-ammont, l-ispejjes ta' l-ittra ufficjali spedita f' Dicembru 2004 u l-ispejjes ta' din il-procedura.

Bl-ingunzjoni tal-konvenuta ghas-subizzzjoni.

Il-konvenuta Kathleen Portelli kif rapprezentata rrezistiet din it-talba, fil-mertu, billi wiegbet illi hija mhix werrieta tal-genituri tal-attur bensi' biss legittimarja u ghalhekk ma hix tenuta ghal ebda parti mill-ispejjez tal-kawza illi saret biss bejn il-werrieta tal-konjugi Portelli.

Ra l-atti tal-kawza fl-ismijiet *Paul Portelli vs Rita Portelli* (Avviz Numru 8/2005) li bi qbil bejn il-partijiet ghandhom japplikaw ukoll ghal din il-kawza.

Ikkunsidra:

Fis-sentenza msemmija fl-avviz tat-talba, il-Qorti kkundannat lill-konvenuti fl-istess kawza, li kienu William, Peter Paul, Rita mart Carmelo Portelli, Paola Buttigieg, u Kathleen bint Joseph Portelli, biex ihallsu l-ispejjez tal-kawza solidalment bejniethom. Meta Qorti tikkundanna lil persuni solidalment bejniethom fil-konfront ta' kreditur tkun qieghdha thalli mpregudikata l-posizzjoni interna ta' bejniethom. Tkun qieghdha tawtorizza lill-kreditur jagixxi kontra kull wiehed minnhom ghad-debitu intier, izda ma tkunx b'daqshekk qieghdha tippronunzja ruhha dwar ir-relazzjonijiet interni bejn il-kondebituri, b'mod li jekk il-haga li ghaliha gie maghmul id-dejn in solidum ma jkollux x'jaqsam hlief wiehed mill-kondebituri, dak hu obbligat ghad-dejn kollu lejn il-kondebituri l-ohra, u

dawn, rigward dak il-kondebitur, jitqiesu bhala garanti (ara artiklu 1109 ta’ Kap 16).

Mhux kontestat li l-eccipjenti mhix eredi imma biss legittimarja tal-wirt tal-konjugi Portelli. Bhala tali, pero, hija xorta wahda kienet tibbenefika jekk fl-assi ereditarju ta’ missierha kellu jidhol il-kont bankarju in kwistjoni, billi l-legittima titqies fuq l-assi kollu wara li jitnaqqsu d-djun tal-assi (artiklu 620(2) kap 16). Ikbar ma jkun l-assi, ikbar tkun (bhala quantum) il-legittima. Ghalhekk l-eccezzjoni taghha fuq indikata mhix wahda valida u qieghdha tigi michuda.

Min-naha l-ohra, il-fatt illi l-konvenuta hija biss legittimarja tfisser li mill-assi ereditarju hija tiehu inqas minn dawk li huma werrieta, u allura ghandha thallas ghall-ispejjez skond sehemha biss. Dan l-aspett ma giex ikkunsidrat jew deciz fis-sentenza fuq imsemija u allura ma hemmx gudikat fir-rigward.

Mit-testment esibit jidher li kien hemm tmien ahwa u allura l-legittima lilha spettanti hija ta’ ½ x 1/8 = 1/16. Pero’ l-konvenuti kienu seba.

Ghalhekk l-ispejjez tal-kawza ghandhom jinqasmu b’dan il-mod:

| | |
|---|---|
| Spejjez totali tal-kawza prim istanza kif intaxxati | 1730.74 |
| VAT | 240.75 |
| Total | 1970.81c5 |
| | |
| Total diviz bejn 6 (5 eredi konvenuti, 2 legittimarji li ghandhom Ihallsu n-nofs tal-werrieta u allura jinghaddu bhala wiehed) | 329.46c9 |
| In-nofs jigi | 164.73 |
| Il-konvenuta diga hallset | 10.85 |
| Bilanc li fadlilha thallas | 153.88c5 |

L-eccezzjoni dwar l-intempestivita qieghedha tigi wkoll respinta stante li ma kienx hemm bzonn ta’ nterpellazzjoni

biex il-konvenuta tersaq u thallas sehemha mill-ispejjez tal-kawza msemmija fl-avviz tat-talba.

Ghaldaqstant it-Tribunal jilqa’ in parte t-talba attrici billi jikkundanna lill-konvenuta thallas is-somma ta’ LM153.88c5 bhala sehemha mill-ispejjez tal-kawza msemmija fl-avviz tat-talba. Spejjez ta’ din l-istanza jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-konvenuta u l-attur.”

L-aggravju avvanzat mill-attur appellant kontra din is-sentenza tat-Tribunal hu dak li din tippekka kontra l-principju ta’ l-ekwita` u ta’ l-imparzjalita` li jippreciza l-Artikolu 8 (2) tal-Kapitolu 380. Huwa jispjega li t-Tribunal ma setax jiddisturba s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri ta’ l-1 ta’ Dicembru 2001 fil-kawza fl-ismijiet “Joseph Portelli -vs- Paul Portelli *et*” (Citazz. Nru. 29/91) u fejn gie deciz li l-ispejjez tal-kawza kellhom jithallsu solidalment bejn il-konvenuti kollha. Huwa jikkontendi li l-appellata kien messha gabet prova f’ dik l-istanza li hi kienet semplici legittimarja u mhux tipprova tapprofitta ruhha minn dik il-qaghda taghha fil-proceduri prezenti;

Fir-risposta taghha ghal dan l-aggravju l-appellata tissottometti dawn il-konsiderazzjonijiet:-

(I) Il-Qorti jehtiegilha tinvestiga jekk it-Tribunal skartax il-principju suddett b’ mod palez u gravi;

(II) Id-dritt ta’ appell mis-sentenza tat-Tribunal ma jestendix ruhu ghal kazijiet fejn hu allegat li saret applikazzjoni hazina tal-ligi, anke ghaliex dan ma jaqax fil-parametru ta’ l-Artikolu 8 (2) tal-ligi;

(III) Fil-meritu, l-appell hu nsostenibbli ghar-raguni illi dik is-sentenza l-ohra ma kienetx apporzjonat l-ispejjez tal-kawza fir-relazzjonijiet interni bejn il-konvenuti;

Minhabba l-kontenut tar-risposta taht in-numri (I) u (II) *supra* jidher li hu opportun li, qabel kollox, din il-Qorti tindirizza ruhha fuq il-kwestjoni u x-xorta tal-gudizzju li hu aspettat mit-Tribunal skond il-ligi;

Hu provvediment espress, ex-Artikolu 7 (1) ta’ l-Att V ta’ l-1995 illi t-Tribunal ghandu jaqta’ t-talba jew il-kontro-talba quddiemu principalment skond l-ekwita`. Ksur gravi ta’ dan id-dritt ekwitattiv flimkien ma’ dak tal-lezjoni ta’ l-imparzjalita` jaghti lok ghall-appell mis-sentenza [Artikolu 8 (2) (d)]. Fil-kaz prezenti l-ebda vjolazzjoni ta’ l-imparzjalita` ma giet specifikata. Ghaldaqstant il-Qorti ser tillimita ruhha biex tara jekk huwiex gustifikat l-ilment mill-punto di vista tad-dritt ekwitattiv;

Kif konsiderat f’ uhud mid-decizjonijiet citati mill-appellata donnu jidher li l-kuncett gie mfisser illi l-gudikatur ma ghandux htiega li jipprocedi ghall-individwazzjoni tan-norma tal-ligi applikabbli ghall-fattispeci purke jzomm ruhu fil-pjena osservanza tad-disposizzjonijiet processwali, *inter alia*, l-osservanza tal-principju tas-smigh xieraq. Fil-fehma konsiderata ta’ din il-Qorti, rigwardat f’ dawn it-termini, il-kuncett ta’ l-ekwita`, intiza bhala xi fonti awtonoma mil-ligi, iwassal ghall-kuntrast mal-principju tal-legalita` u tat-tutela tad-drittijiet;

Forsi jkun aktar logiku jekk wiehed jirraguna illi f’ sistema fejn il-ligi miktuba hi strument principali ta’ attwazzjoni, il-kuncett ta’ l-ekwita` ghandu jaspira ruhu ghar-regola ta’ gudizzju li, ghalkemm mhix miktuba, tikkonsenti, b’ riferiment ghall-kaz konkret, ghas-soluzzjoni tal-kontroversja b’ mod aktar konformi ghall-karatteristici specifici tal-fattispeci. Dan bil-ghan li jigi evitat li l-gudikatur jiskonfina ruhu fl-arbitriju. Naturalment ukoll, kif drabi ohra rilevat, it-Tribunal, anke jekk ghab-bazi ta’ l-ekwita`, ma ghandux dritt li jissorvola kompletament l-applikazzjoni tal-ligi ghall-meritu. Ara f’ dan is-sens s-sentenza fl-ismijiet “**Blye Engineering Co Ltd -vs- Vincent Caruana**”, Appell, 27 ta’ Ottubru 2000;

Precizat dan kollu, jidher li x-xorta ta’ azzjoni proposta mill-appellanti hi wahda ta’ regress kontra l-appellata kondebitrici, solidali flimkien mieghu fil-kawza deciza fl-1 ta’ Dicembru 2001. L-appellata iddefendiet ruhha li hi kienet biss legittimarja u allura ma kellhiex tbati import ta’ spejjez gudizzjarji daqsinsew bhal min hu werriet. It-Tribunal sab ragonament f’ din id-difiza. F’ dan, ma kien hemm ebda ezercizzju tad-dritt ekwitattiv imma implicitament konsiderazzjonijiet tal-ligi ghall-fatti. Irid jinghad hawn illi anke kieku kellha din il-Qorti tinvestiga l-appell devolut lilha purament mill-ottika ta’ lezjoni tal-ligi, u mhux ukoll minn xi regola ta’ gudizzju tad-dritt ekwitattiv, xorta wahda l-aggravju, kif koncepit, ma jistax jircievi l-adezjoni ta’ din il-Qorti dwaru;

Konsiderat fl-ambitu tad-disposizzjonijiet rilevanti taht il-Kodici Civili dwar “l-Obbligazzjonijiet *in solidum*”, ghal dak li jghodd ghal kaz in ispecje, jibda biex jgi osservat illi f’ kaz ta’ kundanna solidali ghall-ispejjez tal-kawza, il-kreditur, ossija l-parti vincenti, kellha d-dritt li taghzel li tagixxi kontra kull min trid hi fost il-kondebituri solidali (Artikolu 1096, Kapitolu 16). Fir-rapport estern, di fronte ghall-attur kreditur fil-kawza l-ohra, dik is-solidarjeta` mhix eskluza mill-fatt li, singolarment, il-konvenuti setghu kienu, ghall-import tal-hlas ta’ sehemhom, tenuti skond il-limiti tal-kwota ereditarja rispettiva taghhom;

Inversament, fil-kaz ta’ azzjoni ta’ rigress jew ta’ rivalsa mill-kondebitur li hallas l-intier, bhal ma kien proprju l-appellanti, dik il-limitazzjoni tassuma importanza fir-rapport intern bejn id-diversi debituri. Hu, difatti provvdut bl-Artikolu 1107 (1) illi “l-kreditur li jhallas id-dejn *in solidum* kollu, ma jistax jitlob minghand l-ohrajn hlief is-sehem ta’ kull wiehed minnhom bl-imghax minn dakinhar tal-hlas, allavolja jkun hemm cessjoni ta’ jeddijiet”. F’ kaz bhal dan jinsab enuncjat mill-Qorti Taljana ta’ Kassazzjoni, b’ referenza ghall-art. 1299 tal-Kodici Taljan (konsimili ghal dak ta’ l-Artikolu 1107 (1) tal-Kodici Civili

taghna), illi, "*i condebitori, nei cui confronti il debitore che ha adempiuto fa valere il suo diritto di regresso, possono opporre i fatti estintivi, impeditivi o limitativi del debito comune solo se questi fatti sono precedenti alla data dell' adempimento e concretamente opponibili al creditore nel momento dell' adempimento" (***Cass.*** **5 ta' Frar 1999, Nru. 32**) "*e non anche se si tratta di fatti successivi, dei quali pretendono di avvantaggiarsi ai danni del co-obligato che ha pagato*" (**Cass. 1 ta' Marzu 1994, Nru. 2011**);

M' hemmx kwestjoni illi l-qaghda assunta mill-appellata f' din il-kawza tirrientra fil-qafas ta' dik il-limitazzjoni li ssemmi l-precitata kazistika. Stat ta' fatt dan li kien jipprecedi s-sokkombenza fil-gudizzju surreferit u li allura jintitola lill-appellata tinsisti li hi thallas sal-limitu tal-kwota ereditarja taghha ossija tal-legittima lilha spettanti mis-successjoni tal-genituri ta' l-attur appellant. Anke allura fil-meritu l-appell devolut ma jisthoqqlu ebda akkoljiment.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tichad l-appell interpost u b' hekk tikkonferma s-sentenza, bl-ispejjez ta' din l-istanza kontra l-attur appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------